

Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-003207/2021

lill-Kummissjoni

Artikolu 138 tar-Regoli ta' Proċedura

Domènec Ruiz Devesa (S&D), **Juan Fernando López Aguilar** (S&D), **Javi López** (S&D), **Tineke Strik** (Verts/ALE), **Cornelia Ernst** (The Left), **Guy Verhofstadt** (Renew), **Sandro Gozi** (Renew), **Javier Moreno Sánchez** (S&D), **Estrella Durá Ferrandis** (S&D), **Ibán García Del Blanco** (S&D), **Pascal Durand** (Renew), **Charles Goerens** (Renew), **Damian Boeselager** (Verts/ALE), **Fabio Massimo Castaldo** (NI), **Dietmar Köster** (S&D), **Pietro Bartolo** (S&D), **Łukasz Kohut** (S&D), **Tanja Fajon** (S&D), **Cyrus Engerer** (S&D), **Thijs Reuten** (S&D), **Delara Burkhardt** (S&D), **Raphaël Glucksmann** (S&D), **Vilija Blinkevičiūtė** (S&D), **Abir Al-Sahlani** (Renew), **Isabel Santos** (S&D), **Isabel Carvalhais** (S&D), **Brando Benifei** (S&D), **Milan Brglez** (S&D), **Maria Arena** (S&D), **Konstantinos Arvanitis** (The Left), **Jordi Solé** (Verts/ALE), **Diana Riba i Giner** (Verts/ALE), **Alice Kuhnke** (Verts/ALE), **Saskia Bricmont** (Verts/ALE), **Damien Carême** (Verts/ALE), **Leila Chaibi** (The Left), **Anne-Sophie Pelletier** (The Left), **Ernest Urtasun** (Verts/ALE), **Aurore Lalucq** (S&D), **Dimitrios Papadimoulis** (The Left), **Sira Rego** (The Left), **Erik Marquardt** (Verts/ALE), **César Luena** (S&D), **Eider Gardiazabal Rubial** (S&D), **Isabel García Muñoz** (S&D), **Cristina Maestre Martín De Almagro** (S&D)

Suġġett: L-użu ta' kanuni akustiċi fil-konfront ta' migranti u persuni li jfittxu ażil fil-Greċja

Fil-31 ta' Mejju 2021, Associated Press irrapportat li l-pulizija Griega qiegħda tispara tiri b'ħoss li jtarrax minn trakk fuq il-fruntiera lejn it-Turkija. Il-pulizija Griega ħabbret li qiegħda tippjana tibgħat messaġġi b'deċibел għoli maħsuba biex jiskoraġġixxu lill-migrant. Dawn jiffurmaw parti minn firxa ta' ostakli fiċċi u diġitali sperimentalisti ġoddha li ġew installati u ttestjati tul il-fruntiera Griega ta' 200 km mat-Turkija biex iwaqqfu lin-nies milli jidħlu fl-UE mingħajr awtorizzazzjoni.

Dan l-apparat akustiku fuq distanza twila, normalment maħsusb biex ixerred id-dimostranti, jagħmel ħoss li jtarrax sa 162 deċibel, li jixbah il-volum ta' magna jet, u jista' jikkawża problemi ta' saħħa gravi u saħansitra truxja.

Fit-3 ta' Ġunju 2021, il-kelliem tal-Kummissjoni, Adalbert Jahnz, esprima t-tħassib tal-Kummissjoni u qal li l-Kummissjoni se titlob aktar informazzjoni, filwaqt li osserva li l-"miżuri għandhom ikunu proporzjonati u jirrispettaw id-drittijiet fundamentali, fosthom id-drittijiet għall-ażil u l-prinċipju ta' non-refouement".

1. Il-Kummissjoni rċeviet informazzjoni dwar l-użu maħsusb ta' tali apparat u vvalutat jekk dan se jwassalx għal pushbacks, b'hekk jikser id-dritt tal-UE u l-obbligi internazzjonali, u jekk huwiex konformi mad-drittijiet fundamentali Ewropej, fosthom id-dritt għad-dinjità?
2. Il-Kummissjoni tista' tikkonferma li l-ebda tagħmir bħal dan ma ġie ffinanzjat jew mhux se jkun iffinanzjat mill-fondi tal-UE?

Sostenitur¹

¹ Din il-mistoqsija għandha s-sostenn ta' Membru ieħor appart i-l-awturi : Rosa D'Amato (Verts/ALE)